# IL-QORTI TAL-APPELL KRIMINALI

**Onor. Imħallef Dr. Aaron M. Bugeja M.A. (Law), LL.D. (melit)**

---

**Illum 13 t'April 2021**

Appell numru 452 tal-2018

**Il-Pulizija**
**vs.**
**Hany Abdullatif Tawfik ELKHAWINY**

Il-Qorti rat is-segwenti:

## A. L-IMPUTAZZJONIJIET

1. Dan huwa appell tal-imputat minn sentenza mogħtija mill-Qorti tal-Maġistrati (Malta) nhar it-18 ta' Diċembru 2018 fil-konfront ta' **Hany Abdullatif Tawfik ELKHAWINY**, permess tar-residenza bin-numru 112256A li ġie mixli (in suċċint) talli fis-17 ta' Diċembru 2018 waqt li kien ħiereġ minn Malta naqas milli jiddikjara li kellu fil-pussess tiegħu aktar minn għaxart elef euro (€10,000) jew l-ekwivalenti lill-

Kontrollur tad-Dwana bi ksur tal-artikolu 3 tal-Liġi Sussidjarja 233.07 (Regolamenti dwar il-Kontroll tal-Flus) formanti parti mill-Att dwar it-Transazzjonijiet Esterni (Kapitolu 233 tal-Liġijiet ta' Malta). Il-Qorti ġiet mitluba sabiex fil-każ ta' ħtija barra milli tinfliġġi l-pieni stabbiliti mill-Liġi tordna wkoll il-konfiska tal-oġġetti kollha eżebiti. Il-Qorti ġiet ukoll mitluba sabiex jekk filwaqt tal-proċediment kriminali il-Qorti tqis il-ħtieġa li tordna l-qirda tal-biljetti tal-flus foloz, hija għandha qabel tikkonsulta mal-Bank Ċentrali ta' Malta u għandha jekk u skont ma jista' jkun jeħtieġ il-Bank Ċentrali ta' Malta tieqaf milli tordna l-qerda tagħha u tgħaddi sabiex tikkonsenja dawk il-biljetti tal-flus lill-Bank Ċentrali ta' Malta biex jinflew minnu, hekk kif kontemplat fl-artikolu 188F tal-Kodiċi Kriminali. Il-Qorti ġiet ukoll mitluba sabiex barra milli tapplika l-piena skont il-Liġi tordna lill-imputat sabiex iħallas l-ispejjeż li għandhom x'jaqsmu mal-ħatra tal-esperti ai termini tal-artikolu 533 tal-Kodiċi Kriminali.

## B. IS-SENTENZA APPELLATA

2. Permezz tas-sentenza aktar 'il fuq imsemmija, il-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali, rat u semgħet l-ammissjoni imtennija tal-appellant għall-imputazzjonijiet miġjuba kontra tiegħu u wara li sabitu ħati tal-imputazzjoni miġjuba kontra tiegħu ikkundannatu għal multa ta' elfejn sitt mija ħamsa u sebgħin euro (€2675) ekwivalenti għal ħamsa u għoxrin fil-mija tal-valur tas-somma mhux dikjarata; kif ukoll ai termini tar-regolament 3(5) tar-Regolamenti dwar il-Kontroll tal-Flus ordnat il-konfiska favur il-Gvern ta' Malta tal-flus mhux dikjarati fl-ammont ta' seba' mitt euro (€700) in eċċess tal-għaxart elef euro (€10,000) permissibbli skont ir-Regolamenti. Imbagħad għaddiet biex tastjeni milli tieħu

konjizzjoni tat-talba magħmula ai termini tal-artikolu 188F tal-Kodiċi Kriminali peress li ma rriżultax li l-flus li kien qed iġorr l-appellant kienu foloz. Astejniet ukoll milli tieħu konjizzjoni tat-talba għall-ħlas tal-esperti fit-termini tal-artikolu 533 tal-Kodiċi Kriminali in kwantu ma kienx jirriżluta li kien hemm xi tali ħlas dovut.

## C. L-APPELL INTERPOST

3. Illi **Hany Abdullatif Tawfik ELKHAWINY** appella minn din is-sentenza fejn talab lil din il-Qorti sabiex tirriforma s-sentenza appellata billi filwaqt li tikkonferma dik il-parti tas-sentenza fejn ikkonfiskat il-flus favur il-Gvern ta' Malta li kienu jeċċedu l-għaxart elef euro (€10,000) tħassar dik il-parti tas-sentenza fejn ordnat il-multa ta' ħamsa u għoxrin fil-mija tal-valur sħiħ u fl-istess ħin ordnat li din il-multa kellha tapplika biss fuq il-valur ikkonfiskat. Dan wara li saħaq li (in suċċint) li r-regolament 3(4) tal-Liġi Sussidjarja 233.07 kien jipprovdi għal multa fuq il-valur li jkun ikkonfiskat u mhux fuq il-valur sħiħ. Minn imkien ma kien jirriżulta li l-leġislatur ried jolqot il-valur sħiħ. Kieku kienet dik l-intenzjoni tal-leġislatur allura dan kien ikun qiegħed jikser id-dritt għall-proprjeta billi fil-piena imposta huwa kien qiegħed jikser element essenzjali ta' dan id-dritt li huwa l-proporzjonalita' u l-bilanċ ġust bejn l-għan ta' xi liġi partikolari u s-sanzjonijiet imposti sabiex jiġu salvagwardjati l-interess pubbliku.

4. Semgħet it-trattazzjoni tal-partijiet u rat l-atti kollha tal-kawża;

## D. IL-KONSIDERAZZJONIJIET TA' DIN IL-QORTI

### Ikkunsidrat

5. Illi matul il-kors ta' dawn il-proċeduri il-partijiet kienu qablu li d-deċiżjoni f'dan l-appell tistenna l-eżitu tal-proċeduri kostituzzjonali fl-ismijiet **Jason James Agius vs l-Avukat Ġenerali** u li kienu ġew deċiżi mill-Qorti Kostituzzjonali nhar is-6 t'Ottubru 2020 u dan peress li l-eżitu ta' dawk il-proċeduri setgħa jkollhom effett fuq id-deċiżjoni ta' din il-Qorti referibbilment għall-piena u l-konfiska mogħtija f'dan il-każ.

6. Din il-Qorti rat is-sentenza **Jason James Agius vs l-Avukat Ġenerali** imsemmija u tqis li l-prinċipji li joħorġu minn dik is-sentenza tabilħaqq għandhom effett fuq dak li din il-Qorti sejra tiddeċiedi.

7. Qabel xejn in breve din il-Qorti tinnota li l-Qorti Kostituzzjonali qieset li jista' jkun hemm ċirkostanzi fejn il-multa ta' ħamsa u għoxrin fil-mija (25%) fuq il-flejjes li jkunu qegħdin jinġarru flimkien mal-konfiska ta' kull somma li tkun aktar minn għaxart elef euro (€10,000) flimkien jistgħu, f'ċerti ċirkostanzi jkunu ġustifikati. Biss kollox kien jiddependi fuq il-każ. Ma jistax ikun hemm ġeneralizzazzjoni u l-Qorti tkun trid ikollha quddiemha l-fatti kollha tal-każ biex tkun tista' tiddeċiedi jekk piena u konsegwenza ikunux jissodisfaw it-test tal-proporzjonalita u bilanċ meħtieġ fiċ-ċirkostanzi partikolari tal-każ.

8. Biss fiċ-ċirkostanzi tal-każ AGIUS, dik il-Qorti tenniet li l-multa ta' ħamsa u għoxrin fil-mija (25%) imponibbli bħala multa kemm fuq l-ewwel €9999 kif ukoll fuq il-kumplament tal-flejjes li jkunu qegħdin jinġarru ma kienetx ritenibbli inkostituzzjonali.

9. Iżda mill-banda l-oħra l-konsegwenza tal-konfiska tassattiva u indiskriminata, b'mod li dik il-parti tar-regolament 3(4)(ċ) tal-Liġi Sussidjarja 233.07 ma kienetx tippermetti lil Qorti kompetenti li teżerċita diskrezzjoni dwar għandux ikun hemm konfiska tal-flus il-fuq mill-ammont t'għaxart elef euro (€10,000), kienet ritenibbli inkostituzzjonali. Iżda dik il-Qorti qieset li n-nuqqas li kienet riskontrat f'dak ir-regolament kien prinċipalment wieħed proċedurali fis-sens li ma kienx hemm mekkaniżmu legali li bih "attur" setgħa jikkontesta l-konfiska tal-għaxart elef euro (€10,000). Il-Liġi ma kienetx tikkontempla sitwazzjoni fejn il-provenjenza tal-flus setgħet kienet waħda leġittima. Kulħadd kien imqiegħed fl-istess keffa irrispettivament mill-provenjenza tal-flejjes – leċita jew mhix. Meta kienet titratta l-konfiska tal-flejjes il-Liġi ma kienetx tagħmel distinzjoni bejn min setgħa jipprova provenjenza leċita u min le. Il-fatt li persuna ma tkunx għamlet id-dikjarazzjoni permezz tal-formola skedata twassal lil Qorti biex tordna l-konfiska tal-flus il-fuq minn għaxart elef euro (€10,000) – irrispettivament miċ-ċirkostanzi partikolari tal-każ. Dan kien il-fatt li wassal għal dak li dik il-Qorti qieset bħala nuqqas ta' bilanċ u proporzjonalita li kien jeħtieġ l-artikolu 1 tal-Ewwel Protokoll u l-artikolu 37 tal-Kostituzzjoni, nonche l-Artikolu 9 tar-Regolament tal-Unjoni Ewropeja numru 1889/2005. Kif kienet il-Liġi setgħa kien hemm sitwazzjoni fejn l-ordni li l-flus jiġu konfiskati tispiċċa tkun waħda ta' natura punittiva fejn il-Gvern jiġi kumpensat minkejja li ma jkunx hemm telf subit minnu bħal per

eżempju f'taxxa tal-qliegħ li ma tkunx ġiet imħalsa. U dan meta fl-istess nifs kien hemm multa ta' ħamsa u għoxrin fil-mija (25%) fuq l-ammont ta' flus kollu li wieħed ikun qiegħed iġorr. B'hekk jista' jkun hemm persuna li tkun issubiet il-piena tal-multa tal-ħamsa u għoxrin fil-mija (25%) fuq l-ammont ta' flus kollu li wieħed ikun qiegħed iġorr flimkien mal-konfiska li tkun ukoll punittiva fil-każ fejn ma jkunx hemm provenjenza illeċita tal-flejjes de quo. B'hekk dan in-nuqqas ta' mekkaniżmu legali inkorporat fil-liġi li jiggarantixxi stħarriġ tal-proporzjonalita kien il-bażi tal-inkostituzzjonalita tar-regolament de quo.

10. Dan jingħad minħabba l-fatt li allura din id-deċiżjoni kostituzzjonali tmur eżatt bil-maqlub ta' dak mitlub fir-rikors tal-appell fis-sens li l-appellant talab lil din il-Qorti sabiex tirriforma s-sentenza appellata billi filwaqt li **tikkonferma** dik il-parti tas-sentenza fejn ikkonfiskat il-flus favur il-Gvern ta' Malta li kienu jeċċedu l-għaxart elef euro (€10,000) **tħassar** dik il-parti tas-sentenza fejn ordnat il-multa ta' ħamsa u għoxrin fil-mija tal-valur sħiħ u fl-istess ħin ordnat li din il-multa kellha tapplika biss fuq il-valur ikkonfiskat.

11. Fiż-żmien meta seħħ dan il-każ, ir-regolament in kwistjoni kien jipprovdi s-segwenti :

> (4) Persuna li tagħmel dikjarazzjoni falza għall-finijiet ta' dawn ir-regolamenti jew li ma twettaqx l-obbligu li tiddikjara somma bħal dik skont is-subregolament (2), tkun ħatja ta' reat ***u teħel***, meta tinsab ħatja, **multa ekwivalenti għal ħamsa u għoxrin fil-mija tal-valur,** f'valuta lokali fid-data meta l-persuna tkun dieħla jew ħierġa minn Malta jew meta tkun għaddejja fi transit minn Malta, **tal-flus li jkunu qegħdin jinġarru**, imma f'kull każ dik il-multa ma għandiex tkun teċċedi ħamsin elf euro (€50,000).
>
> (5) **Barra mill-piena** li tista' tagħti lil **persuna misjuba ħatja** ta' reat taħt is-subregolament (4), il-qorti ***għandha*** **tordna l-konfiska** favur il-Gvern tal-

flus mhux dikjarati li jkunu jeċċedu €10,000 jew tal-ammont sħiħ meta l-flus ikunu indiviżibbli.[1]

12. Jiġifieri f'dan il-każ il-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali fil-każ ta' ELKHAWINY setgħet legalment u raġonevolment tikkonkludi li timmultah l-ammont ta' elfejn sitt mija ħamsa u sebgħin euro (€2675) filwaqt li tordna l-konfiska tal-ammont ta' seba' mitt euro (€700) u li kienu jirrappreżentaw l-ammont ta' flus il-fuq minn għaxart elef euro (€10,000) **li jkunu qegħdin jinġarru minnu.**

13. Huwa ċar li kontra dak li jargumenta l-appellant il-Liġi kif kienet fiż-żmien tar-reat ma kienetx tippreskrivi għal multa fuq il-valur li jkun ikkonfiskat aktar milli fuq il-valur sħiħ. Il-Liġi kienet tipprovdi, b'mod ċar li l-multa kellha tkun **ekwivalenti għal ħamsa u għoxrin fil-mija tal-valur,** f'valuta lokali fid-data meta l-persuna tkun dieħla jew ħierġa minn Malta jew meta tkun għaddejja fi transit minn Malta, **tal-flus li jkunu qegħdin jinġarru**, imma f'kull każ dik il-multa ma għandiex tkun teċċedi ħamsin elf euro (€50,000). Il-flus kollha li jkunu qegħdin jinġarru tinkludi mhux biss l-eċċess fuq l-għaxart elef euro (€10,000) li kien suġġett għal konfiska iżda wkoll fuq dawk l-ewwel disat elef, disa' mija disgħa u disgħin euro (€9,999) li ma kienux suġġetti għal konfiska wkoll. Din l-interpretazzjoni toħroġ bl-aktar mod ċar ukoll mis-sentenza **AGIUS** imsemmija aktar il-fuq.

14. B'hekk bis-saħħa tas-sentenza appellata, il-Qorti tal-Maġistrati (Malta) kienet legalment u raġonevolment korretta meta

[1] Enfażi tal-Qorti.

applikat il-Liġi b'mod li b'kollox ordnat li l-appellant iħalli warajh it-total ta' tliet elef tliet mija ħamsa u sebgħin euro (€3375) in konsegwenza għall-fatt li huwa ma ddikjarax l-ammont ta' flus li kien qiegħed iġorr barra minn Malta meta dawn kienu jaqbżu l-ammont ta' għaxart elef euro (€10,000). Biss wara dik is-sentenza tal-Qorti tal-Maġistrati (Malta) ingħatat ukoll is-sentenza **AGIUS**, li din il-Qorti tħoss li għandha teħodha in konsiderazzjoni fil-ġudizzju tagħha in kwantu dik il-Qorti stabbiliet prinċipju ta' interpretazzjoni ta' liġi li kellu japplika kemm fil-konfront ta' **AGIUS** iżda wkoll fil-konfront ta' terzi, l-appellant inkluż.

15. Biss wara dik is-sentenza tal-Qorti tal-Maġistrati (Malta) ingħatat ukoll is-sentenza **AGIUS**, li din il-Qorti tħoss li għandha teħodha in konsiderazzjoni fil-ġudizzju tagħha in kwantu dik il-Qorti stabbiliet prinċipju ta' interpretazzjoni ta' liġi li kellu japplika kemm fil-konfront ta' **AGIUS** iżda wkoll fil-konfront ta' terzi, l-appellant inkluż.

16. Iżda minbarra s-sentenza **AGIUS**, wara li ingħatat is-sentenza appellata jirriżulta wkoll li r-Regolamenti dwar il-Kontroll tal-Flus kienu ġew mibdula radikalment bis-saħħa tal-Avviż Legali 285 tal-2020 magħmula nhar is-7 ta' Lulju 2020.

17. F'din il-Liġi l-multa imponibbli f'każ ta' proċeduri kriminali hija kalkulata hekk :

> (5) (a) ..... Fl-assenza ta' tali ftehim, il-Kummissarju għandu jżomm l-ammont li jeċċedi l-għaxart elef euro (€10,000), jew l-ammont kollu tal-flus jekk mhux diviżibbli u jiddepożitah fid-Depożitarju kif provdut fis-subregolament (7) **u l-persuna konċernata għandha, meta tinstab ħatja, teħel multa ekwivalenti għal ħamsa u ħamsin fil-mija (55%) tas-somma miġjuba li teċċedi l-għaxart elef euro (€10,000) flimkien ma' multa oħra ta' ħamsin euro (€50).**

18. **<u>Fit-trattazzjoni tal-appell</u>** id-Difiża targumenta li ladarba l-Liġi kif mibdula il-persuna misjuba ħatja teħel il-multa fuq is-somma miġjuba li teċċedi l-għaxart elef euro (€10,000) tqis li din l-interpretazzjoni issaħħaħ l-argument tagħha fl-appell fis-sens li l-multa li l-Qorti tal-Maġistrati (Malta) kellha timponi kien fuq dak l-ammont li jeċċedi l-ewwel għaxart elef euro (€10,000) u mhux ukoll fuq l-ewwel disat elef, disa' mija disgħa u disgħin euro (€9,999).

19. Huwa prinċipju sod fil-ġurisprudenza li mhux possibbli li fi stadju ta' trattazzjoni ta' appell jitqajmu punti legali li jmorru lil hinn mill-aggravji li jkunu ġew proposti fir-rikors tal-appell. Kif ġie deċiż minn din il-Qorti kif preseduta fl-appell kriminali ***Il-Pulizija vs. Brian Buttigieg et*** deċiż fit-23 ta' Jannar 2020 :

> 13. Illi qabel xejn din il-Qorti jidhrilha li dawn huma punti legali li jmorru lil hinn mill-aggravji li ġew proposti fir-rikors tal-appell. Dawn huma raġunijiet ta' natura legali – aggravji fihom infushom -u li suppost kellhom ikunu inklużi fir-rikors tal-appell. Ir-raba' u l-ħames aggravji kienu aggravji speċifiċi u t'indoli speċifiku. Ma kienux aggravji t'indoli ġenerali li wieħed setgħa jifhem, b'xi mod, li setgħu ikunu devoluttivi ta' aggravji oħra li setgħu ma kienux ġew speċifikati fir-rikors tal-appell u li jkunu tqajmu fil-kors tat-trattazzjoni orali. In kwantu dawn huma aggravji speċifiċi kellhom ikunu inklużi fir-rikors tal-appell biex jiġu kunsidrati minn din il-Qorti. Kif deċiż minn din il-Qorti kolleġjalment komposta fl-appell ***Ir-Repubblika ta' Malta vs. Mark Pace*** tas-7 ta' Novembru 2002 :
>
>> Qabel xejn din il-Qorti ma tistax ma tirrimarkax dwar il-hames paragrafu ta' l-aggravji li permezz tieghu l-appellant ippretenda li seta' jittratta aggravji ohra li ma semmiex fir-rikors ta' l-appell. Hija gurisprudenza ormai pacifika li l-Qorti ta' l-Appell ma tistax tiehu konjizzjoni ta' ragunijiet ta' l-appell, ossia aggravji, li ma jkunux gew imsemmija fir-rikors ta' appell. Dan johrog car minn dak li jipprovdi s-subartikolu (1) ta' l-artikolu 505 tal-Kodici Kriminali li tali rikors "ghandu jkun fih il-fatti tal-kawza fil-qosor imma cari, ir-raguni ta' l-appell (enfazi tal-Qorti) u t-talba tal-appellant.
>
> 14. Għalkemm l-artikolu 505 tal-Kodiċi Kriminali japplika għal appelli redatti għal quddiem din il-Qorti kolleġjalment komposta, l-artikolu 419 tal-Kodiċi Kriminali jippreskrivi li r-rikors t'appell quddiem din il-Qorti, barra mill-indikazzjoni komuni għall-atti ġudizzjarji, għandu jkun fih, (a) il-fatti fil-qosor; (b) ir-raġunijiet tal-appell; (ċ) it-talba għat-taħsir jew għat-tibdil tas-sentenza tal-qorti inferjuri. B'hekk dak deċiż mill-Qorti tal-Appell Kriminali (Superjuri) fl-appell ***Mark Pace***, għandu wkoll isib applikazzjoni f'appelli quddiem din il-Qorti in kwantu r-rekwiżiti bażiċi meħtieġa għal validita ta'

> rikors ta' l-appell huma identiċi. Din il-posizzjoni jirriżulta li ġiet imħadna wkoll minn din il-Qorti diversament presjeduta f'appelli kriminali oħra bħal ***Il-Pulizija vs. Charles Bugeja*** deċiża nhar il-15 ta' Mejju 2008 u aktar riċenti ***Il-Pulizija vs. Christopher Abela*** deċiża nhar l-24 ta' Ġunju 2019.
>
> 15. B'hekk din il-Qorti hija prekluża milli tqis dawn ir-raġunijiet legali ulterjuri, ossija l-aggravji ġodda, li ġew imqajmin matul il-kors tat-trattazzjoni ta' dan l-appell.

20. Iżda mill-banda l-oħra parti mill-argument imressaq mid-Difiża fit-trattazzjoni tagħha – u sa ċertu punt b'mod indirett - jolqot aspett kardinali fit-tħaddim il-Liġi penali f'Malta u li din il-Qorti, bħala Qorti ta' Ġustizzja Kriminali – għalkemm fi stadju ta' reviżjoni – hija marbuta li tqisu meta tiġi biex tagħti l-Ġudizzju tagħha f'dan il-każ. Il-punt huwa jekk u safejn Qorti ta' Ġustizzja Kriminali tista' tapplika l-piena l-anqas gravi fil-każ fejn il-piena marbuta ma reat fiż-żmien meta jkun seħħ reat tiġi mibdula matul iż-żmien li imputat ikun qiegħed jiġi mixli b'reat partikolari li l-piena tiegħu tiġi mibdula – b'piena anqas – fil-mori ta' dawk il-proċeduri.

21. Il-prinċipju legali imsemmi huwa dak li jitnissel mill-artikolu 27 tal-Kodiċi Kriminali u ċjoe illi : -

> Jekk il-piena stabbilita mil-liġi li tkun isseħħ fiż-żmien tal-kawża u dik li kienet isseħħ fiż-żmien li sar ir-reat ma jkunux xorta waħda, għandha tingħata l-piena l-anqas gravi.[2]

22. Biss din il-kwistjoni legali mhix daqshekk sempliċi daqs kemm tidher. Għalkemm il-Kodiċi Kriminali huwa ċar fuq dan il-punt, jidher daqstant ċar li l-artikolu 27 tal-Kodiċi Kriminali baqa' mhux mittiefes u mimsus sa minn meta l-Kodiċi Kriminali kien ġie promulgat bil-

---

[2] Fit-test ingliż tal-Kodiċi Kriminali jingħad hekk :

> 27. If the punishment provided by the law in force at the time of the trial **is different** from that provided by the law in force at the time when the offence was committed, the less severe kind of punishment shall be awarded.

Enfażi miżjuda mill-Qorti.

Proklama numru 1 tal-10 ta' Marzu 1854 li promulga l-Ordni tal-Maesta' Tagħha r-Reġina fil-Kunsill tat-30 ta' Jannar 1854. Dak iż-żmien l-artikolu 26 kien jaqra hekk :

> Se la pena stabilita nel tempo del giudizio e quella che era fissata nel tempo del reato fossero diverse fra loro, sara' sempre applicata quella di qualita' meno grave.

23. Dan huwa prinċipju sempliċi daqskemm importanti f'dan il-każ. Huwa prinċipju li, qalb diversi kien jagħmel il-Kodiċi Kriminali Malti wieħed mill-aktar Kodiċijiet għall-avangwardja ta' żmienu.

24. Fil-fatt anke l-Professur Sir Anthony Mamo kien kiteb fuq dan is-suġġett fil-**Lectures in Criminal Law**[3] fejn waqt li jgħid li l-injoranza tal-liġi kriminali mhix skużanti għal min jiskriha, kif ukoll li l-liġi kriminali tapplika minn meta tiġi promulgata l-quddiem u li ma għandhiex applikabbilita retroattiva, jgħid ukoll li pero :

> An apparent exception to the rule that a penal law cannot have retrospective effect occurs where a new law enacted after the commission of te offence is less severe or more advantageous to the offender than the law in force at the time the offence was committed. This hypothesis is twofold:-
>
> a) The law against which the offence was committed is subsequently <u>repealed</u>, so that the act is no longer criminal;
>
> b) The law against which the offence was committed is subsequently <u>amended</u> or <u>changed</u> so that, though the act is still criminal, the punishment or the conditions of liability and prosecution are varied.
>
> B. This concerns the effect of a subsequent law (that is, a law enacted subsequently to the commission of the offence) which does not cancel the criminal character of the act but alters the law on which the charged is framed by varying the penalty or the conditions of liability of prosecution in respect of that act.
>
> The 'communis opinio' among continental writers is that where the law in foce at the time of the commission of the offence and the subsequent law are different, the offender should be dealt with according to the law which is more favourable to him. This means that if the law in force at the time of the trial is less favourable to the accused than the law in force at the time

[3] First Year, 1965, edizzjoni riveduta fl-1986, f'paġna 30 fejn jitratta l-**Operation of Criminal Law**, **Limitations by Time**.

of the commission of the offence, it is the latter law that should be applied retrospectively to his prejudice. If, on the contrary, the new law is more favourable to the accuse dthan the law which was in ofrce at the time the offence was committed, then it is the new law that should be applied; for, if the old law were to be applied, it would have, as to the excess of punishment or other aggravation, an effect beyond its limit of valid operation.

Section 28 of our Criminal Code provides that "if the punishment prescribed by the law in force at the time of the trial is different from that prescribed by the law in force at the time of the commission of the offnce, the less severe of the two punishments (Old Italian text : "pena di qualita' meno grave") shall be applied.

In practice it is sometimes difficult to decide which of the two punishments is 'less severe'. In this connection regard must chiefly be had to the nature or quality of the two punishments, rather than tto their duration. Every punishment causes a suffering and deprives the offender of some right: therefore, of two punishments, that one is less severe which causes less suffering and deprives the sufferer of a less important right. It is only when both punishments are of the same nature or quality that the longer or shorter term thereof is a truly decisive factor in comparing their severity. ......

The above-quoted provisions of our Criminal Code applies 'expressis verbis' where the difference is between the punishment as at the time of the commission of the offence and the punishment as at the time of the trial. This means that if, when the new law reducing the punishment comes into force, proceedings in respect of the offence have already been <u>definitely</u> concluded, such new law does not affect the sentence already awarded; saving, of course, wven in this case, the Prerogative of Mercy. If, however, when the new law comes into operation an appeal from the sentence is still pending, then the accused is entitled to the benefit of the less severe punishment (V. Crim. Appeal 'The Police vs. S. Chircop et' 13.XI. 1943; Roberti, op. cit. Vol II, 315). .....

In conclusion it needs hardly be said that the principles above set forth concerning the application of the more favourable law may be set aside by an express provision in the repealing or amending law. This is, in Malta, commonly done, especially in respect of enactments which operate for a short period of time and are at short intervals amended or repealed and re-enacted. In such cases the necessity is obvious of saving unprejudiced any liability or proceedings incurred or instituted under the law so amended or repealed.

In England, the general rule is, now, that the repeal of a Statute has no effect on pending proceedings. Prior to 1889, by the unqualified repeal of the Statute on which an indictment was framed, the proceedings fell to the ground and no judgement would be pronounced. A prisoner indicted for an offence against an Act which was repealed after the offence was committed, but before the prisoner was tried, could not be sentenced under the repealed Act. But as to Statutes passed since 1889, the Interpretation Act, 1889 (52 & 53 Vict. C. 63, s. 38, ss.2) provides that where an Act "repeals any other enactment, then unless the contrary intention appears, the repeal shall not..... (d) affect any penalty, forfeiture or punishment incurred in respect of any offence committed against any enactment so

repealed; or (e) affect any investigation, legal proceedings or remedy in respect of any such .............penalty, forfeiture or punishment as aforesaid", and that "any such investigation, legal proceeding or remedy may be instituted, continued or enforced and any such penalty, forfeiture or punishment may be imposed as if the repealing Act had not been passed". Particular clauses to the like effect were common in prior Statutes. (Arch. "Pleading, Evidence and Practice in Criminal Cases", Ed. 1931, pp.89).

The scope of operation of Adjective Criminal Laws or laws of criminal procedure will be considered more fully in our lecures on that subject. It is here sufficient to say that in matters of procedure, the general rule is that the law to be applied is always that in force at the time of the trial, notwithstanding that at the time of the commission of the offence, the mode of proceeding may have been governed by a different law and irrespective of whether such former law was more, or less, favourable to the accused.

25. Fil-fatt, fiż-żmien meta inkitbu dawn in-Noti ta' Sir Anthony Mamo, Malta kien għad ma għandhiex l-**Interpretation Act** tagħha. Din il-Liġi fil-fatt ġiet promulgata aktar tard fl-4 ta' Frar 1975 bl-Att VII tal-1975. Fl-artikolu 12 jingħad hekk :

**12.(1) Meta xi Att mgħoddi wara l-bidu fis-seħħ ta' dan l-Atti ħassar xi liġi oħra, kemm-il darba ma jidhirx ħsieb kuntrarju, t-tħassir m'għandux –**

(a) jerġa' jġib fis-seħħ xi ħaġa li ma tkunx fis-seħħ jew li ma tkunx teżisti fiż-żmien li fih iseħħ it-tħassir;

(b) jolqot it-tħaddim ta' xi liġi qabel ma kienet hekk imħassra jew xi ħaġa magħmula jew li tħalliet issir taħt xi liġi hekk imħassra;

(ċ) jolqot xi dritt, privileġġ jew responsabbiltà miksuba jew meħuda taħt xi leġislazzjoni hekk imħassra jew li ġejja minn xi leġislazzjoni bħal dik;

**(d) jolqot xi penali, konfiska jew piena li wieħed seta' jeħel dwar xi reat li jkun sar kontra xi liġi hekk imħassra, jew xi responsabbiltà għal xi penali, konfiska jew piena bħal dawk**;

(e) jolqot kull stħarriġ, proċedimenti legali, jew rimedju dwar xi dritt, privileġġ, obbligazzjoni, responsabbiltà, penali, konfiska, jew piena kif intqal qabel,u kull stħarriġ, proċedimenti legali, jew rimedju bħal dawk jistgħu jinbdew, jitkomplew, jew jiġu nforzati, u kull penali, konfiska jew piena bħal dawk jistgħu jiġu mposti, bħallikieku l-Att li jħassar ma jkunx għadda.

26. Jiġifieri Skont din il-Liġi għalhekk meta jkun hemm bidla f'Liġi li tolqot anke l-piena li tkun preskritta għar-reat, il-Liġi li għandha tibqa' applikabbli hija dik fiż-żmien ta' meta jkun ġie mwettaq ir-reat. Dan ifisser li bis-saħħa tal-Att dwar l-Interpretazzjoni, Kapitolu 249 tal-Liġijiet ta' Malta, il-posizzjoni **ceteris paribus** ġiet simili għal dik

deskritta minn Mamo fir-rigward tal-posizzjoni fl-Ingilterra u Wales wara l-1889.

27. Minħabba din il-problematika, kienet reċentement saret proċedura permezz ta' referenza kostituzzjonali lil Prim'Awla tal-Qorti Ċivili, Sede Kostituzzjonali fl-ismijiet **Il-Pulizija vs. Mark Anthony Brincat** u li ġiet deċiża fl-4 ta' Lulju 2019. F'din il-kawża ġie deċiż is-segwenti : -

> Illi jidher li l-iżjed aspett li dwaru r-Riferenza titlob direzzjoni huwa dak li jirrigwarda l-jedd li persuna ma tinstabx ħatja dwar xi għemil li, fiż-żmien li twettaq, ma jkunx meqjus mil-liġi bħala reat;
>
> Illi safejn jgħoddu d-dispożizzjonijiet tal-artikjolu 39(8) tal- Kostituzzjoni u tal-artikolu 7 tal-Konvenzjoni xieraq jingħad li l-prinċipju mħaddan fihom jiġbor fih il-massima tad-dritt "nullum crimen sine praevia lege" li f'ilsienna tfisser li ħadd ma hu ħati ta' reat dwar għemil li, fil-waqt li jkun sar, ma kienx mil-liġi meqjus li huwa reat. Marbuta sfiq ma' dan il- prinċipju hemm l-ieħor li jrid li ma tistax tingħata piena eħrex minn dik li kienet tgħodd fiż-żmien meta twettaq ir-reat jew dwar għemil li, meta jkun twettaq jew naqas li jitwettaq, ma kien iġorr l-ebda piena ("nulla poena sine lege"). Dan ifisser ukoll li l-ebda liġi li ssir wara li jkun sar dak l-għemil ma tiswa biex tibdlu f'reat. Il-ħsieb wara dawn l-artikoli hu li titwarrab kull arbitrarjetà fis- sura ta' sanzjoni li tista' tirriżulta mill-imġiba ta' xi persuna, ukoll jekk f'għajnejn ħaddieħor dik l-imġiba tista' ma tingħoġobx jew saħansitra tkun ta' min jistmerrha. Għaliex l-għan tal-liġi huwa dak li tfisser u tgħid x'inhu l- għemil li jitqies reat u x'inhuma l-konsegwenzi li joħorġu fuq min iwettqu;
>
> Illi dan ifisser ukoll li kemm l-għemejjel li jikkostitwixxu reat u kif ukoll il-pwieni li jingħataw fil-każ ta' sejbien ta' ħtija dwar it-twettiq tal-istess reat iridu jkunu preskritti b'mod ċar minn liġi, b'mod li persuna tkun taf minn qari tagħha jew mit-tifsir li Qorti tista' tagħti dwarha, liema għemejjel jew omissjonijiet iġibulu fuqu r-responsabbiltà kriminali[16]. B'"liġi" wieħed jifhem kemm dispożizzjoni ta' liġi miktuba u kif ukoll ġurisprudenza li tfisser l-għemil, u titlob li jkollha l-ħtiġijiet kwalitattivi li tkun magħrufa minn qabel u prevedibbli[17];
>
> Illi jidher li minn dawn id-dispożizzjonijiet maż-żmien tnissel ukoll mill-Q.E.D.B. prinċipju ieħor li jrid li l-ebda awtorità nazzjonali m'għandha tagħti lil-liġi kriminali tifsira wiesgħa, bħal b'analoġija, li tista' tkun ta' ħsara lill-persuna mixlija b'reat, u għalhekk titnissel il-ħtieġa li kull offiża tkun imfissra sewwa fil-liġi nnifisha, b'mod li l-persuna tagħraf minn kliem il-liġi, u jekk meħtieġ bl-għajnuna tat-tifsir tal-Qrati, liema għemil jew omissjoni iwassluh għall-ksur tagħha[18]. Dan ma jfissirx li l-Qrati titneħħielhom is-setgħa li jagħtu

t-tifsira tagħhom tal-liġi li jridu japplikaw għall-każ[19]. Ifisser biss li l- Qorti m'għandhiex tislef il-funzjonijiet tagħha biex jew taħlaq hi l-elementi ta' reat għal imġiba partikolari li l-liġi nnifisha ma tagħrafx, jew billi, b'tiġbid jew tixbih, tadatta għal imġiba partikolari l-elementi ta' reat maħsub għal ċirkostanzi ta' għemil bħalu. Huwa għalhekk li l-artikolu 7 tal-Konvenzjoni

[16] Q.E.D.B. (GC) 17.9.2009 fil-kawża fl-ismijiet Scoppola vs Italja (Nru. 2) (Applik. Nru. 10249/03) §§ 93 – 94
[17] Q.E.D.B. 7.2.2002 fil-kawża fl-ismijiet E.K. vs Turkija (Applik. Nru. 28496/95) §51
[18] Q.E.D.B. (GC) 25.5.1993 fil-kawża fl-ismijiet Kokkinakis vs Greċja (Applik. Nru. 14307/88) §§ 52 – 3
[19] P.A. (Kost.) GV 28.3.2008 fl-atti tar-Riferenza Kostituzzjonali fl-ismijiet Il-Pulizija vs Lorraine Falzon (mhix appellata)

jiggarantixxi l-prinċipju taċ-"ċertezza tad-dritt" bħala tarka li tilqa' lil persuna minn akkuża li ma tkunx tista' tiddefendi ruħha minnha kif jixraq;

Illi f'dan ir-rigward jidher li biex jista' jingħad li liġi toqgħod għall-jedd imħares fl-artikolu 7, "The provisions have to be sufficiently foreseeable and accessible. This requirement serves to avoid a criminal conviction being based on a legal norm of which the person concerned could not, or at least need not, have been aware of beforehand. This condition is satisfied if the individual may know from the wording of the relevant provision, and, if need be, from the relevant case-law, what acts and omissions will make him liable. ... The Court[20] took into consideration that, however clearly drafted a legal provision may be, there is always an inevitable element of judicial interpretation. It is inevitable for the making of legal provisions that more or less vague wordings are used. The Court also accepts that legal provisions must have a certain flexibility to handle changing circumstances and to avoid excessive rigidity"[21];

Illi fis-sottomissjonijiet tiegħu l-Avukat Ġenerali jisħaq li f'dan ir- rigward ukoll ir-Riferenza saret qabel waqtha, għaliex it-tħaddim tal-jedd imsemmi jaf l-applikazzjoni tiegħu meta persuna tkun instabet ħatja ta' għemil jew reat kriminali u mhux qabel. Ladarba l-proċeduri li fil-qafas tagħhom saret ir-Riferenza għadhom mexjin, ma jistax jingħad li hemm ksur tal-imsemmi jedd, b'mod partikolari fejn jgħodd il-prinċipju li persuna titqies li hija innoċenti sakemm ma tirriżultax mod ieħor il-ħtija tagħha. Huwa jżid jgħid li, biex wieħed jista' jqis jekk seħħx tabilħaqq ksur tal-jedd imħares fl-artikolu 39(8) tal-Kostituzzjoni jew tal-artikolu 7 tal-Konvenzjoni, irid ikun hemm sejbien ta' ħtija b'sentenza jew deċiżjoni li tkun aħħarija u li minnha ma jistax jittieħed l- ebda proċediment ieħor[22];

Illi l-Qorti tagħraf is-siwi tas-sottomissjonijiet tal-Avukat Ġenerali dwar it-tħaddim tar-regoli li jħarsu l-imsemmi jedd, imma fl-istess waqt ma tistax twarrab minn quddiemha ċ-ċirkostanza partikolari li wasslet lill-Qorti Riferenti biex titlob id-direzzjoni ta' din il-Qorti. Kif ingħad qabel, f'dan il-każ, il-bdil li seħħ fil-liġi neħħa minn reat l-għemil (jew aħjar, in-nuqqas ta' għemil) li dwaru l-imputati kienu mixlija. Fl-istess Riferenza, il-Qorti Riferenti indikat jekk huwiex il-każ li titħaddem ir-regola magħrufa bħala tal-"Lex mitior". Minħabba li din il-Qorti jidhrilha li dan l-aspett jgħodd għaċ-ċirkostanzi li nħalqu fil-każ tal-imputati, sejra tqis ir-Riferenza wkoll taħt id-dawl tal-artikoli 39(8) tal-Kostituzzjoni u tal-artikolu 7 tal-Konvenzjoni;

[20] Ir-riferenza hawn hija għas-sentenza tal-Q.E.D.B. 25.11.1997 fil-kawża fl-ismijiet Grigoriades vs Greċja (Applik. Nru. 24348/94) § 38 [21] Van Dijk, van Hoof, van Rijn, Zwaak Theory and Practice of the European Convention on Human Rights, (4th Edit), § 11.3 f' pag. 654 [22] Kost. 6.2.2015 fl-Atti tar-Riferenza fl-ismijiet Repubblika ta' Malta vs Matthew Żarb et §§ 12 – 16

Illi ma hemmx dubju li l-jedd li persuna ma tingħatax piena għal għemil li ma jkunx jikkostitwixxi reat tiġbor fiha konsiderazzjoni wkoll dwar il- piena nnifisha, għaliex ma huwiex biżżejjed li l-għemil ikun jikkostitwixxi reat meta jsir, imma li s-sanzjoni jew il-piena li tista' tingħata għal min iwettaq għemil bħal dak trid tkun ukoll stabbilita minn liġi u magħrufa b'mod ċar minn qabel. Kemm l-artikolu 39(8) tal-Kostituzzjoni u kif ukoll l-artikolu 7 tal-Konvenzjoni huma ċari biżżejjed biex ifissru dan. Dan ifisser li għemil li l-liġi tqisu bħala reat jiġbed fuqu l-piena jew is-sanzjoni li l-liġi tippreskrivi minn qabel. Kull bdil fil-liġi li bih il-piena ta' xi għemil jew ommissjoni tiħrax ma tistax tolqot il-ksur ta' dak l-għemil jew dik l-ommissjoni li jkun twettaq qabel il-bdil tal-liġi, għaliex il-piena li tgħodd hija dejjem dik li kienet tgħodd meta l- għemil ikun twettaq;

Illi l-kwestjoni li tqum, madankollu, huwa x'effett jista' jkollu bdil ta' liġi wara li jkun twettaq għemil jew ommissjoni li, fiż-żmien li twettqu, kienu jikkostitwixxu reat meta dak il-bdil jidher li jkun ħassar ir-reat. Dan huwa l-każ li fih jinsabu l-imputati fil-proċeduri li wasslu għal din ir-Riferenza;

Illi din il-Qorti tagħraf li din il-kwestjoni qamet ukoll quddiem il- Q.E.D.B. kemm-il darba u ma jidhirx li l-fehma u t-tagħlim dwarha kienu dejjem f'bixra waħda. Il-linja li kienet tittieħed kienet li, ladarba l-artikolu 7 ma jsemmix kontinġenza bħal din, allura l-għoti ta' piena eħfef ma kinitx tagħmel parti minn dak l-artikolu[23], u wisq anqas ma jseħħ il-waqfien ta' xi proċediment kriminali li jkun laħaq inbeda[24]. Min-naħa l-oħra, ingħad li "The words 'at the time the criminal offence was commited'[25] suggest that this provision does not confer a right to application of the norm as subsequently alleviated, or of the lowered penalty. However, as observed above, Article 7 clearly does prohibit such an application either. It may even be prescribed by doestic law .. The lack of a provision of this iport in Article 7 is to be regretted, but it may be hoped that every court, except in special circumstances, will exercise this clemency if its domestic law leaves any scope for so doing"[26];

Illi madankollu, f'każ partikolari (u li jidher li kien f'moħħ il-Qorti Riferenti meta fasslet ir-Riferenza li bagħtet lil din il-Qorti) ingħad li "the Court takes the view tha it is necessary to depart from the case-law established by the Commission .. .. and affirm that Article 7 § 1 of the Convention guarantees not only the principle of non-retrospectiveness of more stringent criminal laws but also, and implicitly, the principle of retrospectiveness of the more lenient criminal law. That principle is embodied in the rule that where there are differences between the criminal law in force at the time of the commission of the offence and subsequent criminal laws enacted before a final judgment is rendered, the courts must apply the law whose provisions are most favourable to the defendant"[27]. Fost l-oħrajn, biex waslet għal dik il-fehma, il-Q.E.D.B. qieset żviluppi ta' liġijiet jew konvenzjonijiet internazzjonali li daħlu fis-seħħ mal-medda tas-snin, fosthom ukoll il-Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal- Unjoni Ewropeja[28];

[23] Ara, b'eżempju Q.E.D.B. 30.9.2004 fil-kawża fl-ismijiet Zaprianov vs Bulgarija (Applik. Nru. 41171/98) [24] W.A. Schabas The European Convention on Human Rights: Commentary (OUP 2015) f'paġ. 350
[25] B'riferenza għall-Art. 7 tal-Konvenzjoni
[26] Van Dijk, van Hoof, van Rijn, Zwaak op. cit, § 11.3 f' pag. 657

Illi wieħed irid jgħid li dik is-sentenza ma kinitx unanimi u ċ- ċirkostanzi li dwarha ngħatat dik il-fehma ma kinux għal kollox jixbhu 'l dawk tal-każ tal-imputati f'din il-kawża. Minbarra dan, wieħed ma jistax joqgħod biss fuq dak li jiddisponi l-artikolu 7(1) tal-Konvenzjoni bla ma jqis ukoll dak li jgħid l-artikolu 7(2);

Illi jekk wieħed kellu jqis id-dispożizzjonijiet rilevanti tal-liġi f'Malta u li ssemmew aktar qabel f'din is-sentenza, ma għandu jkun hemm l- ebda dubju li l-bdil li sar fil-liġi ma laqat bl-ebda mod is-siwi tal-akkuża mressqa kontra l-imputati għaliex, fid-data meta twettaq l-għemil li bih jinsabu akkużati u wkoll fiż-żmien meta nfetħu l-proċeduri kontra tagħhom, l-artikolu 25A tal-Kap 378 kien fis-seħħ u kien jippreskrivi sanzjoni f'każ ta' sejbien ta' ħtija. L-istess jista' jingħad dwar id-dispożizzjonijiet tal-artikolu 12 tal-Att dwar l-Interpretazzjoni u dan b'rabta ma' dak li jipprovdi l-artikoplu 39(8) tal-Kostituzzjoni wkoll. Il-kwestjoni hija xi ftit aktar delikata meta wieħed jaqra l- artikolu 70 tal-Kapitolu 510. Minn kliem dak l-artikolu din il-Qorti tifhem li, fil-każ tar-reat li kien maħsub taħt l-artikolu 25A tal-Kap 378, għal dak li jirrigwarda proċeduri f'qorti li kienu diġà nbdew qabel id-dħul fis-seħħ tal-bidliet fil-liġi, dak l-artikolu jitqies bħallikieku ma tħassarx. Fi kliem ieħor, ir-rieda tal-liġi jidher li hi li fil-każ ta' għemil jew ommissjoni taħt l-artikolu 25A u li dwaru kienu ttieħdu passi quddiem qorti, dak l-artikolu mhux biss ma tħassarx imma lanqas jista' jingħad li l-għemil ġie dekriminalizżat;

Illi għalhekk, il-Qorti tasal għall-fehma li lanqas fir-rigward tal- jedd tal-imputati li ma jkunx suġġetti għal piena għal għemil li mhuwiex reat stabbilit mil-liġi ma jirriżulta li, fiċ-ċirkostanzi tal-każ tagħhom, qiegħed jew sejjer ikun hemm ksur ta' dan il-jedd bil-fatt li qegħdin jitmexxew kontrihom il-proċeduri kriminali li minnhom tressqet din ir-Riferenza;

28. Din il-Qorti jidhrilha li mill-banda l-oħra l-Att dwar l-Interpretazzjoni kien ġie promulgat f'Malta madwar tnax il-sena qabel ma Malta adottat l-Att dwar il-Konvenzjoni Ewropea fid-19 t'Awissu 1987, fejn allura l-artikolu 3 tiegħu jgħid li :

3.(1) Id-Drittijiet tal-Bniedem u Libertajiet Fundamentali għandhom isiru, u jkunu esegwibbli bħala, parti mil-Liġi ta' Malta.
(2) Fejn ikun hemm xi liġi ordinarja li tkun inkonsistenti mad-Drittijiet tal-Bniedem u Libertajiet Fundamentali, l-imsemmijaDrittijiet u Libertajiet Fundamentali għandhom jipprevalu, u dik il-liġi ordinarja għandha, safejn tkun inkonsistenti, tkun bla effett.

29. Fil-fatt, anke fil-pubblikazzjoni **Guide on Article 7 of the Convention** stampat mill-Qorti Ewropea għad-Drittijiet tal-Bniedem, fil-parti intitolata **No punishment without law: the principle that only the law can define a crime and prescribe a penalty** f'paġna 21 hemm il-parti jisimha **V. Principle of retrospective application of more favourable criminal law** fejn jingħad hekk : -

> 55. Even though Article 7 § 1 of the Convention does not expressly mention the principle of the retroactivity of the lighter penalty (unlike Article 15 § 1 in fine of the United Nations Covenant on Civil and Political Rights and Article 9 of the American Convention on Human Rights), the Court held that Article 7 § 1 guarantees not only the principle of non-retroactivity of more stringent criminal laws but also, and implicitly, the principle of retrospectiveness of the more lenient criminal law. That principle is embodied in the rule that where there are differences between the criminal law in force at the time of the commission of the offence and subsequent criminal laws enacted before a final judgment is rendered, the courts must apply the law whose provisions are most favourable to the defendant (Scoppola v. Italy (no. 2) [GC], §§ 103-109, concerning a thirty-year prison sentence instead of a life sentence). The Court considered that "inflicting a heavier penalty for the sole reason that it was prescribed at the time of the commission of the offence would mean applying to the defendant's detriment the rules governing the succession of criminal laws in time. In addition, it would amount to disregarding any legislative change favourable to the accused which might have come in before the conviction and continuing to impose penalties which the State – and the community it represents – now consider excessive" (ibid., § 108). The Court noted that a consensus had gradually emerged in Europe and internationally around the view that application of a criminal law providing for a more lenient penalty, even one enacted after the commission of the offence, had become a fundamental principle of criminal law (ibid., § 106).

30. Mill-banda l-oħra, l-artikolu 49 tal-Karta tad-Drittijiet tal-Bniedem tal-Unjoni Ewropea, li ġie wkoll adottat minn Malta ma jħalli xejn għall-immaġinazzjoni meta, trattanti **Il-prinċipji ta' legalità u proporzjonalità ta' reati u ta' pieni** jgħid hekk : -

> 1. L-ebda persuna m'għandha tiġi kkundannata għal xi att jew ommissjoni li, fiż-żmien meta sar jew saret, ma kienx jew ma kenitx reat skond il-liġi nazzjonali jew il-liġi internazzjonali. Lanqas m'għandha tingħata piena akbar minn dik li kienet applikabbli fiż-żmien meta twettaq ir-reat. **Jekk**

**wara li twettaq ir-reat, il-liġi tipprovdi għal piena inqas, dik il-piena għandha tkun applikabbli.**[4]
2. Dan l-Artikolu m'għandux jippreġudika l-proċess u l-piena ta' persuna ħatja ta' att jew ommissjoni li, fiż-żmien meta sar jew saret, kien jew kienet reat skond il-prinċipji ġenerali rikonoxxuti mill-komunità tan-nazzjonijiet.
3. Is-severità tal-piena m'għandhiex tkun sproporzjonata għar-reat.

31. Fir-referenza preliminari lil Qorti Ewropea tal-Ġustizzja numru **C-218/15** fl-ismijiet **Criminal Proceedings against Gianpaolo Paoletti et**, dik il-Qorti qalet hekk : -

> The principle of the retroactive application of the more lenient criminal law, as enshrined in Article 49(1) of the Charter of Fundamental Rights of the European Union, is part of primary EU law. Even before the entry into force of the Treaty of Lisbon, which conferred on the Charter the same legal value as the treaties, it has been held that that principle followed from the constitutional traditions common to the Member States and, therefore, had to be regarded as forming part of the general principles of EU law, which national courts must respect when applying national law.

32. Jiġifieri l-posizzjoni dwar dan il-punt illum il-ġurnata hija regolata mhux biss fuq bażi lokali iżda wkoll u b'mod partikolari fuq bażi Ewropea. Anke l-posizzjoni ġurisprudenzjali penali f'Malta qegħda wkoll tieħu din id-direzzjoni. Hekk wieħed jara l-appell kriminali **Il-Pulizija vs. Martin Cassano** deċiż nhar it-28 ta' Settembru 2017, jieħu l-posizzjoni li essenzjalment jadotta l-Mamo qabel l-introduzzjoni tal-Att dwar l-Interpretazzjoni. Il-Qorti tal-Appell Kriminali kienet qalet hekk :

> Illi in linja mad-decizjonijiet moghtija mill-Qorti Ewropeja tad-Drittijiet tal-Bniedem il-qorti ghalhekk hija tal-fehma illi fir-rigward tat-tieni akkuza ebda piena ma ghandha tigi imposta fuq l-appellanti u l-Qorti ghaldaqstant ser tghaddi biex tastjeni milli tiehu konjizzjoni ta' dina l-akkuza u tirrevoka konsegwentement is-sejbien ta' htija li wasslet ghaliha l-Ewwel Qorti:
>
> "The Court notes that the obligation to apply, from among several criminal laws, the one whose provisions are the most favourable to the accused is a clarification of the rules on the succession of criminal laws, which is in accord with another essential element of Article 7, namely the foreseeability

[4] Enfażi miżjuda minn din il-Qorti.

of penalties .... The Court .... affirms that Article 7 § 1 of the Convention guarantees not only the principle of non-retrospectiveness of more stringent criminal laws but also, and implicitly, the principle of retrospectiveness of the more lenient criminal law. That principle is embodied in the rule that where there are differences between the criminal law in force at the time of the commission of the offence and subsequent criminal laws enacted before a final judgment is rendered, the courts must apply the law whose provisions are most favourable to the defendant.[1]"

Illi l-Qorti Ewropeja kompliet tirraferma din il-posizzjoni fid-decizjonijiet li segwew bhal Öcalan v. Turkey deciza fit-18 ta' Marzu, 2014 fejn gie ritenut:

[1] Scoppola vs Italy App.No.12049/03 – 17/09/2009 (Grand Chamber)

"The court notes that the principle of retrospectiveness of the more lenient criminal law, considered by the court in Scoppola (no. 2), as guaranteed by Article 7, is embodied in the rule that where there are differences between the criminal law in force at the time of the commission of the offence and subsequent criminal laws enacted before a final judgment is rendered, the courts must apply the law whose provisions are most favourable to the defendant.[2]"

Sahansitra il-Professur Mamo fin-noti tieghu ghad-dritt penali kien tal-fehma illi:

''In fact, in the hypothesis under discussion, though the liability was contracted while the former law was still in force, the prosecution and sentence would be carried on and pronounced after such law has been repealed. So that, if such law were to be applied to such prosecution and sentence, it would be given an effect beyond its legal limit of operation.

It is thus not by way of an equitable retrospective application of the new law but rather on the grounds that the operation of the old law cannot extend beyond its repeal (divieto di ultra-attivita') that, in this hypothesis, the criminal proceedings cannot be maintained in respect of the act which, at the time of the trial, has ceased to constitute a criminal offence.

33. Din ukoll jirriżulta li hija l-posizzjoni abbraċċjata mill-Professur Kevin Aquilina meta f'artikolu tiegħu miktub minnu fis-27 ta' Frar 2017[5] :

The European Court of Human Rights (ECtHR) has enunciated in its case what it referes to as the principle of retrospectiveness of the more lenient criminal law. It has explained this principle in the Grand Chamber's decision of Scoppola v. Italy (No. 2) of September 17, 2009 as follows :

[5] **The More Lenient Criminal Law**, The Times, 27 ta' Frar 2017.

“In the light of the foregoing considerations, the court takes the view that it is necessary to depart from the case law established by the Commission in the case of X v. Germany and affirm that Article 7 § 1 of the Convention guarantees not only the principle of non-retrospectiveness of more stringent criminal laws but also, and implicitly, the principle of retrospectiveness of the more lenient criminal law.

“That principle is embodied in the rule that where there are differences between the criminal law in force at the time of the commission of the offence and subsequent criminal laws enacted before a final judgment is rendered, the courts must apply the law whose provisions are most favourable to the defendant...

“It follows that the applicant was given a heavier sentence than the one prescribed by the law which, of all the laws in force during the period between the commission of the offence and delivery of the final judgment, was most favourable to him... In the light of the foregoing, the court considers that the respondent State failed to discharge its obligation to grant the applicant the benefit of the provision prescribing a more lenient penalty which had come into force after the commission of the offence”.

This was not the only case where the ECtHR applied the principle of retrospectiveness of the more lenient criminal law. Other cases followed. Such is the case of Öcalan v. Turkey (No 2) of March 18, 2014 where it held that :

“The court notes that the principle of retrospectiveness of the more lenient criminal law, considered by the court in Scoppola (no. 2), as guaranteed by Article 7, is embodied in the rule that where there are differences between the criminal law in force at the time of the commission of the offence and subsequent criminal laws enacted before a final judgment is rendered, the courts must apply the law whose provisions are most favourable to the defendant.”

In the Öcalan judgment, the court also referred to another case: “In its decision in the case of Hummatov v. Azerbaijan ([dec.], nos. 9852/03 and 13413/04, May 18, 2006), the court approved the parties’ shared opinion that a life sentence was not a harsher penalty than the death penalty.”

In Ruban v. Ukraine decided on July 12, 2016, the ECtHR held as follows: “Article 7 § 1 guarantees not only the principle of non-retrospectiveness of more stringent criminal laws but also, implicitly, the principle of retrospectiveness of the more lenient criminal law”.

In Koprivnikar v. Slovenia, Strasbourg explained these words as follows: “In other words, where there are differences between the criminal law in force at the time of the commission of an offence and subsequent criminal laws enacted before a final judgment is rendered, the courts must apply the law

> whose provisions are most favourable to the defendant (see Scoppola v. Italy (no. 2) [GC], no. 10249/03, § 109, September 17, 2009).
>
> In its judgment in the case of Gouarré Patte v. Andorra the court extended the guarantees of Article 7 concerning the retrospectiveness of the more lenient criminal law to the possibility of retrospective revision of the final sentence if domestic law provided for such a possibility (see Gouarré Patte v. Andorra, no. 33427/10, §§ 33 to 36, January 12, 2016).
>
> By applying the above case law to the Bill, the situation is that under the Bill no punishment will be meted out for criminal libel on its entry into force once this offence is being decriminalised but under the Press Act which will be repealed by the Bill, the punishment is that of a fine. Needless to say, the most lenient of both provisions is the one which imposes no punishment not the one which imposes a fine.
>
> Therefore clause 27(4) of the Bill is not in conformity with Article 7 of the ECHR. On the contrary, it is in breach of human rights. Yet, as the Bill has not been enacted into law, there is still time for government to salvage this situation provided that it understands that there is a problem here which needs addressing.

34. Fil-fehma ta' din il-Qorti, il-prinċipji li illum il-ġurnata għandhom japplikaw f'dan il-kamp huma dawk li huma wkoll riflessi aktar il-fuq, b'mod partikolari, fl-artikolu 27 tal-Kodiċi Kriminali – speċifikament applikabbli għall-kamp penali u li fih l-elementi tal-grazia e giustizia illum ċentenarji u li ma ġiex mibdul fil-kamp penali, u li jirrifletti l-posizzjoni li aktar minn mija u ħamsin sena wara l-promulgazzjoni tiegħu huwa rifless fl-iżvilupp tal-Liġi u tal-Ġurisprudenza fil-Qasam tad-Drittijiet tal-Bniedem evolviet b'mod li l-artikolu 49 tal-Karta tad-Drittijiet tal-Bniedem tal-Unjoni Ewropeja aktar il-fuq imsemmija ma jħallix ekwivoċi. **Jekk wara li twettaq ir-reat, il-liġi tipprovdi għal piena inqas, dik il-piena għandha tkun applikabbli.**

35. Dawn il-prinċipji għandhom impatt profond fuq ir-raġunament ta' din il-Qorti kif ukoll fuq l-eżitu ta' dan il-każ, li minħabba dak li seħħ wara l-fatt - inkluż bis-sentenza kostituzzjonali **AGIUS** imsemmija aktar il-fuq u aktar u aktar bil-bdil fil-Liġi bl-imsemmi

Avviż Legali 285 tal-2020 - għalkemm fid-dehra tiegħu jidher sempliċi, fil-verita jirriżulta ferm aktar kumpless fl-isfumaturi legali u prattiċi tiegħu.

36. Bl-Avviż Legali 285 tal-2020 jirriżulta li mhux biss ġiet mibdula l-proċedura ta' kif każijiet analogi għal dawk in disamina għandhom jiġu mistħarġa u immexxija iżda wkoll ġab miegħu bdil fil-piena li tista' tiġi komminata minn Qorti ta' Ġustizzja Kriminali. F'dan l-Avviż Legali, il-persuna konċernata għandha, meta tinstab ħatja, teħel multa ekwivalenti għal ħamsa u ħamsin fil-mija (55%) tas-somma miġjuba li teċċedi l-għaxart elef euro (€10,000) flimkien ma' multa oħra ta' ħamsin euro (€50). Dan iwassal għal sitwazzjoni fejn din il-piena tista' tissarraf f'multa aktar iebsa minn dik li kienet fis-seħħ meta seħħ dan ir-reat. Iżda hemm ċirkostanzi oħra fejn minħabba li l-ammont li jkun qed jinġarr ikun ftit aktar mill-għaxart elef euro il-piena multa maħduma bil-mod kif stabbilit fl-Avviż Legali 285 tal-2020 jissarraf f'multa anqas minn dik li setgħet tiġi inflitta bil-formula maħduma skont il-Liġi qabel ma daħal fis-seħħ dan l-Avviż Legali 285 tal-2020.

37. Bil-Liġi kif mibdula jirriżulta li fejn l-ammont ta' flus li jkun qiegħed jinġarr ikun ilaħħaq l-ammont sa' €18,166.666, l-ammont ta' multa kif maħduma taħt il-Liġi kif emendata bl-Avviż Legali 285 tal-2020 tiġi li tkun aktar vantaġġjuża għall-persuna mixlija. Mentri fir-rigward ta' dawk il-każijiet fejn l-ammont li jkun qiegħed jinġarr ikun aktar minn €18,166.667, allura l-multa kif kienet tinħadem qabel ma daħal fis-seħħ l-Avviż Legali imsemmi kienet tiġi aktar vantaġġjuża għall-ħati. Dan minbarra l-proċedura ta' ftehim li jista' jiġi milħuq mal-Kummissarju fejn ir-rati imposti minn dan l-Avviż

Legali huma aktar vantaġġjużi, nonche l-fatt li l-Kummissarju għandu jżomm l-ammont li jeċċedi l-għaxart elef euro (€10,000), jew l-ammont kollu tal-flus jekk mhux diviżibbli u jiddepożitah fid-Depożitarju kif provdut fis-subregolament (7).[6]

38. Ifisser għalhekk li bl-Avviż Legali 285 tal-2020, il-multa imposta tista' tkun, f'ċerti ċirkostanzi, ritenuta piena aktar vantaġġjuża minn dik li kienet fis-seħħ meta seħħ dan ir-reat. F'dan il-każ minħabba li l-ammont ta' flus li l-appellant kien qiegħed iġorr kien fl-ammont ta' għaxart elef u seba' mitt euro (€10,700), jirriżulta li, l-formula tal-multa kif mibdula bl-Avviż Legali 285 tal-2020, applikata għal dan il-każ konkret, tissarraf f'multa aktar ħanina minn dik li kienet imponibbli fil-jum meta seħħ dan ir-reat.

39. Fil-każ tal-appellant, bil-formula tal-multa qabel id-dħul tal-Avviż Legali 285 tal-2020, l-appellant weħel multa ta' 25% fuq l-ammont kollu ta' €10,700 li kien qiegħed iġorr u li tissarraf f'multa ta' **elfejn sitt mija ħamsa u sebgħin euro (€2675)** (u dan oltre l-konfiska tassattiva tas-seba' mitt euro (€700).

[6] Il-multa maħduma bir-rata msemmija fiż-żmien tar-reat kienet tissarraf f'multa ta' 25% fuq il-valur tal-flejjes kollha li jkunu qed jinġarru mill-ħati. Dan ifisser għalhekk li 25% tal-ammont ta' €18,166.666 huwa **€4541.6665**. Mentri l-multa maħduma fuq l-istess ammont ta' €18,166.666 skont l-Avviż Legali l-ġdid tammonta għal 55% tas-somma miġjuba li teċċedi l-€10,000 flimkien ma multa oħra ta' €50, jiġifieri €8166.666 multiplikat b'55% li jwassal għal €4491.663 li flimkien ma multa oħra ta' €50 jagħti total ta' **€4541.6663**. B'hekk il-multa maħduma bl-Avviż Legali l-ġdid fuq ammont ta' €18,166.666 li jkun qed jinġarr iwassal sabiex dak li jkun ikun jaqbillu li l-piena tal-multa tiġi kalkulata skont il-formula misjuba fl-Avviż Legali l-ġdid għax jeħel **€4541.6663** u mhux **€4541.6665** skont il-Liġi kif kienet qabel ma daħal fis-seħħ dan l-Avviż Legali. Iżda fil-każ ta' persuna li tkun qed iġġorr €18,166.667 jew aktar ikun jaqblilha li tiġi mmultata skont il-Liġi qabel ma ġie fis-seħħ l-Avviż Legali de quo in kwantu kif kienet il-Liġi qabel kienet tħallas multa ta' **€4541.66675** mentri bil-formula l-ġdida jiġi li jkollu jħallas €4491.66685 li flimkien ma multa oħra ta €50 jagħti total ta **€4541.66685**. Jiġifieri f'dan il-każ il-ħati jkun jaqbillu li jiġi mmultat skont kif kienet il-formula l-antika. Dan qiegħed jingħad mingħajr preġudizzju għall-argument relattiv għall-konfiska tal-ammont ta' flus in eċċess tal-ewwel għaxart elef euro li pero, kif intqal aktar il-fuq ġie meqjuż inkostituzzjonali fil-kawża **AGIUS**.

40. Mentri bil-formula l-ġdida ta' kif tinħadem il-multa skont l-Avviż Legali 285 tal-2020, l-appellant jiġi li fil-każ ta' kontenzjuż – bħal ma hu dan il-każ - iħallas multa ta' 55% tas-somma miġjuba li teċċedi l-għaxart elef euro (€10,000), (u li f'dan il-każ tammonta għal seba mitt euro (€700) flimkien ma' multa oħra ta' ħamsin euro (€50)) li allura tirriżulta f'multa komplessiva ta' **erba' mija ħamsa u tmenin euro (€485)**.

41. In definittiva, fil-każ tal-appellant il-piena tal-multa effettiva l-anqas gravi fil-każ konkret tiegħu hija dik maħduma in bażi għall-Avviż Legali 285 tal-2020 u mhux dik viġenti fil-jum ta' meta seħħ ir-reat.

42. L-artikolu 27 tal-Kodiċi Kriminali jippreskrivi li jekk il-piena stabbilita mil-liġi li tkun isseħħ fiż-żmien tal-kawża u dik li kienet isseħħ fiż-żmien li sar ir-reat ma jkunux xorta waħda, għandha tingħata l-piena l-anqas gravi. Dan ifisser li meta l-Qorti tiġi biex tqis id-differenza fil-piena stabbilita mil-liġi li tkun isseħħ fiż-żmien tal-kawża u dik li kienet isseħħ fiż-żmien li sar ir-reat hija tkun trid tqis il-piena fin-natura, kwalita u kwantita tagħha kif stabbilita mill-Liġi iżda mbagħad trid taħdem dik il-piena fil-każ konkret u tqis ukoll l-effett ta' dik piena fuq dak l-istess każ.

43. B'hekk din il-Qorti jidhrilha li sabiex tagħti seħħ għal dak li jgħid l-artikolu 27 tal-Kodiċi Kriminali hija trid tadotta l-formula kif maħduma fl-Avviż Legali 285 tal-2020 in kwantu fil-każ tal-appellant din il-formula applikata għall-każ konkret tiegħu tipproduċi piena li fis-sustanza tagħha tirriżulta li hi l-piena anqas gravi. Biss kif ingħad aktar il-fuq li kieku l-ammont ta' flus li huwa kien qiegħed iġorr kien

ogħola, allura setgħa jagħti l-każ li din il-piena ma kienetx tkun il-piena anqas gravi fil-każ tiegħu. Dan qiegħed jingħad ukoll fl-isfond ta' dak li ingħad aktar il-fuq fir-rigward tas-sentenza kostituzzjonali **AGIUS**.

44. L-Avviż Legali 285 tal-2020 jippreskrivi wkoll il-proċedura li titratta l-każ fejn il-persuna tkun qed iġġorr il-flus tasal f'arranġament mal-Kummissarju u l-proċedura tad-depożitu fid-Depożitarju u l-proċedura ta' Depożitu li ssir tal-ammonti li jaqbżu l-għaxart elef euro (€10,000). Din il-Qorti ma tistax tqis dik il-proċedura u l-kumplament tal-proċeduri l-oħra, li jista' jkollhom effett u eżitu t'azzjoni jew sanzjoni penali kontra l-appellant, bħala li huma wkoll applikabbli għal dan il-każ. Qabel xejn dan il-każ jitratta kontenzjuż li kien diġa mibdi u li wassal għas-sentenza appellata. L-appellant ma kellux il-benefiċċju offrut lilu mill-istess Liġi fis-sens li jasal f'arranġament mal-Kummissarju in kwantu meta beda dan il-każ ma kienx hemm dan il-benefiċċju u l-kawża kriminali kontra tiegħu inbdiet mill-ewwel. Inoltre applikazzjonijiet ta' dawn il-proċeduri fil-konfront tal-appellant f'dan l-istadju jistgħu jissarfu fi ksur tal-prinċipju ta' non-retroattivita ta' proċeduri penali.

45. Illi fid-dawl ta' dak mistqarr aktar il-fuq, din il-Qorti sejra tinterpreta dan l-appell fid-dawl tal-prinċipji mistqarra aktar il-fuq, fis-sens li l-piena tal-multa per se ma kienetx ritenuta inkostituzzjonali mill-Qorti Kostituzzjonali fis-sentenza **AGIUS;**[7] iżda fl-istess waqt f'dan il-każ il-multa li għandha tiġi inflitta għandha tkun dik l-aktar

[7] Ta' min jgħid ukoll li meta l-Qorti Kostituzzjonali emanat is-sentenza AGIUS fis-6 t'Ottubru 2020 il-Liġi de quo u konsegwentement anke l-piena kienet ġiet mibdula bis-saħħa tal-Avviż Legali 285 tal-2020 iżda naturalment ikkonċentrat il-ġudizzju tagħha fuq is-sitwazzjoni legali skont il-liġi prevalenti fiż-żmien ta' meta allegatament seħħ ir-reat f'dak il-każ u li kien fiċ-ċentru tal-kawża deċiża minnha.

vantaġġjuża għall-appellant jiġifieri dik stabbilita fl-Avviż Legali 285 tal-2020 u dan bi twettieq tal-artikolu 27 tal-Kodiċi Kriminali dik il-piena għandha titiqies bħala l-piena l-anqas gravi.

46. Mill-banda l-oħra, din il-Qorti iżda sejra tagħti l-benefiċċju tas-salvagwardja li toħroġ mis-sentenza tal-Qorti Kostituzzjonali fil-proċedura **AGIUS** aktar il-fuq imsemmija fis-sens illi filwaqt li żżammet fis-seħħ il-multa, mill-banda l-oħra għar-raġunijiet imsemmija mill-istess Qorti Kostituzzjonali fis-sentenza **AGIUS** din il-Qorti sejra tħassar l-ordni tal-konfiska magħmula fir-rigward tal-ammont ta' flus ogħla minn għaxart elef euro (€10,000).

# Decide

Konsegwentement, għar-raġunijiet premessi, din il-Qorti, qegħda tilqa' l-appell ta' **Hany Abdullatif Tawfik ELKHAWINY** in parti billi :

(a) tikkonferma s-sentenza appellata f'dik il-parti fejn sabet lill-istess **ELKHAWINY** ħati tal-imputazzjoni miġjuba kontra tiegħu;

(b) tħassarha f'dik il-parti fejn ikkundannatu għall-piena ta' multa fl-ammont ta' elfejn sitt mija ħamsa u sebgħin euro (€2675) ekwivalenti għal ħamsa u għoxrin fil-mija tal-flus li jkunu qegħdin jinġarru u **minflok għar-raġunijiet fuq imsemmija tikkundannah għall-ħlas ta' multa fl-ammont ta' erba' mija ħamsa u tletin euro (€435)**;

(c) tħassarha f'dik il-parti fejn ordnat il-konfiska favur il-Gvern ta' Malta tal-flus mhux dikjarati in eċċess tal-għaxart elef euro (€10,000) li kienu permissibbli skont ir-regolamenti kif kienu fis-seħħ fiż-żmien meta seħħ ir-reat fl-ammont ta' seba' mitt euro (€700);

(d) u minbarra dak mibdul b'din is-sentenza, il-Qorti tikkonferma s-sentenza appellata fil-kumplament tagħha.

***Aaron M. Bugeja***
***Imħallef***